MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 09 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1201/2001/1

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alan Cassar sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Alan Cassar**

**Vs.**

**Owen Busuttil u Joseph Sultana**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm1257.53 rappresentanti danni kagjonati f'incident ta' traffiku kif spjegat fl-istess avviz.

Ra r-riposta fejn il-konvenut Sultana ecepixxa l-"privilegium fori" u qal li l-incident ma kienx tort tieghu.

Ra r-risposta fejn il-konvenut Busuttil qal li l-kollizjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u

nuqqs ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Ra li l-konvenut Sultana rtira l-eccezzjoni dwar il-privilegium fori.

F’kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b’tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodifazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Il-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu ifittex u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certeza morali hija bezzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. (ara Zammit vs. Petrococchino Qorti ta’ l-Appell 25/2/1952).

Illi f’dan l-incident ma hemmx rapport tal-Pulizija billi huwa “front to rear collision”. Carmen Cassar qalet li kienet qieghda ssuq u f’daqqa l-karozza taghha qalghet daqqa minn wara, wara ftit kien hemm daqqa ohra. L-wwel habta kienet mal-karozza ta’ Owen Busuttil u t-tieni daqqa gie minn sports car sewda. Fil-kontro-ezami Carmen Cassar qalet li wara harget mill-karozza rat kwantita ta’ zejt fl-art.

Joseph Sultana qal li hu kien qed isuq bil-mod. Ra incident quddiemu. Kien distanza mhux hazing mill-incident; applika l-brake u beda jiskidja. Qabel ma beda jiskidja ma kienx ra z-zejt.

Owen Busuttil qal li ma kienx ghaddej b’velocita. F’daqqa u l-hin hass il-karozza tieghu tiskidjalu, tilef il-kontrol u habat fil-karozza tal-attur. Dak il-hin ra l-vettura tal-konvenut l-iehor tiskidja, habtet go fih u imbuttah gol karozza ta’ quddiem. Skond Busuttil hu skidja fuq iz-zejt tal-ikel li kien hemm fi triq. Qabel il-habta Busuttil kien

distanaza ta’ nofs l-awla tal-Qorti l-boghod mill-karozza tal-attur. Busuttil cahad li kien ghaddej b’speed.

Meta regghet xehdet Carmen Cassar hi qalet li l-karozza li habtet maghha l-ewwel kienet qed issuq “close hafna” maghha minn San Giljan sakemm saret il-habta.

Illi Bingham – Motor Claims Cases – (5th edition page 172 et sek) jghid:

“People are apt to think that if only they can show that their car skidded, becease of certain decisions given a very long time ago, there is an end of the matter. When the cases are examined carefully, it will always be seen that it is only where the skid occurs unavoidably that the driver cannot be held responsible. If he is driving in a way which is asking for a skid, then he is liable”.

F’dan il-kaz Cassar tghid li l-karozza ta’ Busuttil kienet close maghha qabel l-incident. Busuttil jichad dan. Fit-trattazzjoni l-avukat tal-atturi issotometta li l-entita tal-hsara hija prova ta’ speed eccessiv da parti tal-konvenuti.

Illi fit-trattazzjoni tal-avukati tal-konvenuti gie sottomess li ma hemm ebda evidenza ta’ speed u l-fatt li zewg vetturi skidjaw huwa sinjal li l-incident kien “unavoidable”. Saret riferenza ukoll ghal kawza Vella vs. Camilleri deciza mill-Prim ‘Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Jannar 1998. F’din is-sentenza intqal:

“Gie ritenut mill-Qrati taghna li f’materja ta’ skid il-principju regolatur ma jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta’ negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jkun indagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabbilita’ nonostante l-iskid; jekk ma tirrizultax allura l-iskid hija difiza ghax tkun incident inevitabbli.”

Fl-istess kawza hemm riferenza ghal kawza Pulizija vs. C. Cachia Vol. 37, pt. 4 p. 920 fejn gie ritenut:

"Ghaldaqstant biex id-difiza ta' skid trinexxi jehtieg li d-driver jipprova mhux biss li l-iskid kienet dovuta ghall-art tizloq, imma ukoll li l-iskid saret bl-ebda tort tieghu u li huwa jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu sewwieq prudenti meta l-art tkun tizloq."

Illi f'dan il-kaz kien hemm zejt tal-ikel fit-triq. Il-konvenuti ma rawx dan iz-zejt qabel ma bdew jiskidjaw. Ma hemmx evidenza li l-iskid kien tort taghhom. Illi fil-back to rear form mill-ewwel gie notat li kien hemm zejt ta' l-ikel fl-art. Ma hemmx prova li l-konvenuti kienu qieghdin isuqu b'mod li wiehed jista jghid li "they were asking for a skid".

Ghaldaqstant billi jirrizulta li l-incident kien inevitabbli jichad it-talbiet attrici. Fic-cirkostanzi kull parti ihallas l-ispejjes tieghu.

**Av. Philip Manduca**
**Gudikant**